MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Talba Numru. 221/2003

**Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li jifformaw is-syndicates bin-numri 1245, 510, 727,994,990,183,807,570,1229 u 780 u Rausi Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Christian Pace.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm275.42) hlas ta' danni minnu kkawzati fil-vettura KBA 486 propjeta ta' Philibert Gouder, assikurat mill-atturi li huma surrogati fid-drittijiet tieghu, waqt li l-konvenut bi traskuragni u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku habat gol-karrozza imsemmija fix-Xatt tas-Sliema.

Ra d-dikjarazzjoni li saret mill-konvenut fis-seduta tal-lum u li permezz taghha ammetta r-responsabbilta [b'dan li rrizerva d-dritt li jiehu passi kontra terzi] izda kkontesta l-hlas pretiz mill-atturi.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet ghal dak li jikkoncerna l-hlas ta' danni.

It-Tribunal huwa pjenament sodisfatt li l-ammont mitlub mill-atturi bhala hlas ta' danni huwa gustifikat. Wiehed ma jistax ma jsemmix ukoll li meta xehed il-konvenut, irrizulta li lanqas ma kien jaf bl-ezatt fejn saret il-hsara fil-vettura misjuqa minn Philibert Gouder.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm275.42) bhala danni li saru fuq il-karrozza bin-numru ta' registrazzjoni KBA 486.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------